**Ċirkulari UPM Nru: 7/2020**

Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja
Valletta VLT 1061

16 ta' Marzu 2020

Lis- Segretarji Permanenti
Diretturi Ġenerali
Diretturi

**EJJA NAPPOĠĠJAW LILL-KOLLEGI FIL-QASAM TAS-SAĦĦA**

Fiċ-ċirkustanzi straordinarji li qegħdin fihom, hu meħtieġ sforz kollettiv ta' sapport lill-kollegi fil-qasam tas-Saħħa fis-servizzi li qegħdin joffru.

Ninkoraġġukom taraw ftit għandkomx impjegati li bħalissa tistgħu tgħaddu mingħajrhom u tgħadduhom lis-servizzi tas-Saħħa. Dawn huma s-servizzi li bħalissa huma l-iktar meħtieġa :

- **Drivers (li jwasslu mediċini lill-anzjani u lil dawk li huma *Immunocompromised*, u biex iwasslu lstaff mediku li qed jieħdu s-*swabs*)**
- **Uffiċjali klerikali li jwieġbu telefonati**
- **Staff amministrattiv**
- **Staff tal-ICT – kull livell**
- **Farmaċisti / *Pharmacy Technicians* li bħalissa qegħdin f'Ministeri oħra barra MFH**
- **Infermiera / *Allied Health Professionals* li bħalissa qegħdin f'Ministeri oħra barra MFH**

Waqt li qed ninkoraġġixxu l-ħtieġa għas-sapport, hu importanti li ma timponux fuq persuni li tistgħu tidentifikaw għal dan il-għan. Fil-maġġoranza tal-każi dawn l-uffiċjali mhumiex se jkunu f'kuntatt dirett mal-pazjenti, waqt li dawk li se joffru s-servizz ta' sewqan nassigurawhom li se jkun hemm miżuri stretti ta' protezzjoni. Skont il-miżuri li qed jittieħdu biex it-trasmissjoni tal-COVID-19 tkun imrażżna l-uffiċjali li jużaw it-trasport pubbliku għandhom ikunu esklużi.

Aħna infurmati li l-Ministeru tas-Saħħa għandhom ukoll ħtieġa urġenti ta' karozzi li jkollhom diviżorju bejn is-sewwieq u l-postijiet ta' wara fejn ikunu l-passiġġieri.

Id-Diretturi li huma responsabbli mill-immaniġjar tan-nies huma mitluba jiġbru d-dettalji ta' dawn l-uffiċjali u jibagħtuha fuq it-template mehmuż qabel l-20 ta' Marzu f'nofs lid-Diviżjoni ta' *People & Standards* fuq prc.opm@gov.mt. Is-sottomissjonijiet se ikunu proċessati hekk kif jaslu, minħabba l-urġenza.

Is-Segretarji Permanenti huma mitluba jinfurmaw lill-Kapijiet tal-Entitajiet rispettivi b'din iċ-Ċirkulari.

Mario Cutajar
Segretarju Permanenti Prinċipali